Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

# MINUTI TAS-SITTA W TLETIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 21 ta' Mejju 2009 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 8.30pm |

**Prezenti**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | NORBERT PACE |
| **Vici-Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| **Skuzat** | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dr. | LUISA GAUCI BALUCI |
| | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

## 1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI

Approvati unanimament.

Sospenssjoni tal-laqgha mis-Sindku sabiex jitkellmu r-residenti prezenti.

Is-Sur Norbert Pace li l-Kunsill kellu bil-miktub mill-MEPA li l-livellli ma setghux jinhargu mill-minhom minhabba li t-triq kienet privata. Barra minn hekk is-Sur Pace qal li l-Kunsill ircieva mill-WSC li l-culvert propost mill-Kunsill ma setghax isir ghax dan ma jistax jitqabbad mad-drenagg. Is-Sur Clark qal li dan kollu ga tennieh u s-Sur Reynold Balzan qabel mieghu li culvert kien *out of question* ghax inkella festa ta' wirdien ikollhom. Is-Sur Clark qal li certu decizjoijiet kienu prerogattiva taghhom. Hu rega' tenna li dan kollu gara ghax meta bena, u hu kien l-ewwel wiehed, min bena warajh zammew mieghu imma flok gholew nizlu l'isfel. Hu qal li meta saret it-triq l-ilma kien jinzel u qatt ma ra l-ghala kellha tinqala'.

Is-Sur Pace qal li t-triq inqalet ghax ta' gewwa ikkomplenjaw li kien qed joqghod l-ilma. U kompla s-Sur Clark, habba f'hekk sar xoghol bla bzonn u below standard. U ma gewx osservati l-linji kompla s-Sur Balzan. Is-Sur Clark qal li hemm certifikat ta' perit, materjal ta' kwalita' mhix tajba. Hu rega' qal li biex jaghti ritratt tekniku kien lest jaccetta targa' ta' sitt pulzieri imma spicca b'targa ta' 4 pulzieri ghax flok il-livell niezel tela'. Hu qal li llum hawn biex tahdem u hu jaf ghax dan kien xogholu primarjament bhala draughtsman.Hu qal li jistenna li sa l-ahhar tax-xahar tkun lesta. Kulhadd jaf li din il-kwistjoni ilha tkarkar mill-5 ta' Novembru 2007 issa.

Is-Sur Stefan Cordina qal li l-Kunsill se jkellem il-kuntrattur u fejn ilna nistennew niftehmu. Is-Sur Mark Spiteri qal li hemm bzonn li l-kuntrattur jinghata ultimatum. Is-Sur

Pace qal li jiddispjacih li ma kienx prezenti is-Sur Victor Farrugia ghax kien ikun jista' jghid tieghu ukoll. Is-Sur Clark qal li ghalih ma taghmilx differenza isirx printed concrete, pave jew xi jkun basta titnehha dik il-pastazata ta' tarmac li sentejn wara ghadu jerhi. Is-Sur pacew qal li l-printed concrete ilu fejn ic-Centru u ghadu telekwali. Is-Sur Cauchi qal li jaqbel mal-Kunsill u dan ghandu jimxi mal-volonta' tal-maggoranza.

## 2. KORRISPONDENZA

🗁 E-mail minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali rigward skema ta' sahha. Il-Kunsill ha jinghaqad ma' din l-iskema.
🗁 E-mail minghand is-Sur Sandro Martinelli bhala ringrazzajment ghall-ghajnuna moghtija fil-Family Fun Day.
🗁 E-mail minghand residenta fi Triq il-Linja rigward plot miftuh li qed iservi ta' mizbla. Il-Kunsill ghandu jikteb il-MEPA.
🗁 Ittra minghand Dr. Joseph Attard rigward *traffic calming measures* fi Triq is-Sienja. Il-Kunsill ghandu jikteb l-ADT.
🗁 E-mail minghand is-Sur Charlo Bonnici rigward l-gheluq ta' Triq Hal Warda waqt il-hin ta' l-iskola. Hu qal li residenti fit-triq ma jithallewx li jidhlu u lanqas johorgu waqt il-hin ta' l-gheluq tat-triq. Is-Sur Stefan Cordina qal li mhux sewwa li bniedem jibda xoghol fid-9 u jrid bilfors johrog fit-8.15am ghax it-triq tkun maghluqa. Is-Sur M. Spiteri qal li l-ahjar hu li tinghata risposta lis-Sur Bonnici li l-Kunsill mhux lest jerfa' r-responsabbilta' jekk jinqala xi incident!
🗁 Zewg ittri minghand student fl-iskola Stella Maris fuq proposti mill-istess student ta' l-iskola. Il-Kunsill ghandu jirringrazzja lil dawn l-istudenti.
🗁 Ittra minghand is-Sur Martin Agius rigward talba sabiex tizdied bicca ohra bandli minhabba li fin-nofs vojt u qed jigu guvintur jilghabu bil-ballun. Il-Kunsill ghandu japplika mill-UIF.
🗁 E-mail minghand Giorgiana Mallia rigward applikazzjoni tal-Kunsill ghall-*Energy Saving* li giet accettata u fiha l-Kunsill inghata € 3000.
🗁 Ittra minghand is-Sur Roger Clark. Din l-ittra giet diskussa iktar kmieni f'din il-laqgha.
🗁 Ittra minghand WSC rigward cahda sabiex il-culvert fi Triq il-Mingel jitqabbad mad-drenagg.
🗁 Ittra minghand MMB Gatt & Agius fuq bins ghall-klieb. Dan l-item ha jigi diskuss iktar il-quddiem.
🗁 E-mail minghand is-Sinjura Rose Farrugia rigward tnehhija ta' *parking bay* minn Triq il-Pjazzetta. Din it-talba ma gietx milqugha.
🗁 E-mail minghand Tony Bartolo fuq l-incenneraturi u l-impatt taghhom fuq l-ambjent. Il-Kunsill ha nota ta' din l-e-mail.
🗁 Zewg e-mails minghand Dr. Edward Zammit-Lewis rigward ittra lill-MEPA, lill-Kummissarju ta' l-Artijiet u lis-Sid fuq il-hsara ambjentali kkawzata mill-barriera ta' Venven.

## 3. RAPPORT TA' HIDMA MIS-SINDKU

Is-Sindku qal li saru diversi laqghat gewwa l-ufficcju fosthom mal-WasteServ fuq l-andament tas-sistema tal-Bring-in sites u l-MFCC. Hu qal li kien hemm problem fuq il-permessi tas-siti tal-gabbani minhabba li issa l-MFCC sar venue ta' certu kalibru u bicca tilar ghall-bejgh ta' bicca burger jew tigiega ma' kienx qed jilhaqq il-livell mixieq. Barra minn hekk dawn ma huma jnaddfu xejn madwarhom. L-Avukata Gauci Baluci qalet li bil-ligi ma tistax tirrifjuta permess. Is-Sur Pace qal li l-MFCC ssuggerit li l-istalls tixtrihom kollha hi. Is-Sur Spiteri qal li jekk dan hu l-kaz trid issir klawzoloa li darba jinxtraw dawn l-istalls ma jsirx profitt minnhom. L-Avukata Gauci Baluci qalet li jista' jsir bhall-Agreement u fuq il-permess jinkiteb *non transferible*.

Is-Sur Pace ha din l-okkazjoni biex ressaq dawn il-punti:

- Ilment tas-Sinjura Franks fuq Triq ir-Rand fejn il-kuntrattur halla mandra. Is-Sur Cordina qal li kieku nzommulhom xi haga tal-flus lill-dawn il-kuntratturi kieku naghmlu tajjeb ghall-hsara li ssir.
- Talba ghall-6 festa manholes ghall-armar tal-Kazin ts-Sei. Din it-talba giet milqugha.
- Bicca bankina perikoluza fi Triq ir-Rand.
- L-Floodlighting tal-Knisja – il-Kunsill ha jara minn fejn ha jingabu l-fondi ghalihom. Is-Sur John P. Bonnici ssuggerixxa li nghidu l-Knisja taghmel gabra specjali. Mhux kulhadd qabel ma' din il-proposta.

**4. LAQGHA MA' L-ADT.**

Is-Segretarju Ezekuttiv tat-rendikont fuq il-punti li hi ressqet ghall-attenzjoni ta' l-ADT li kien hemm qbil fuqhom u li issa hi kienet qed tinnotifika l-Kunsill bihom. Saret diskussjoni primarjament fuq it-talba lill-ADT sabiex Triq il-Pitkali issir one-way minn fuq. Wara bosta diskussjonijiet fejn fosthom issemmew id-diskriminazzjoni lejn sidien tan-negozju u li wiehed ma jistax jahseb fir-residenti biss intlahaq ftehim li t-tabella ghandha ssir no entry mis-6pm -6am. Din it-talba ghandha titressaq l-ADT fil-laqgha li jmiss kemm jista' jkun malajr. Is-Sur Mark Spiteri qal punt ta' l-ahhar. Hu kkumjmenta ghax hass li fejn ghandu jinghata creditu dan ghandu jinghata u hu qal li is-Segretarju Ezekuttiv haqqha prosit ghax ghall-laqgha ma' l-ADT marret ippreparata biex tolqot il-problemi kollha tal-lokalita'. Is-Sinjura Mifsud irringrazzjat lis-Sur Spiteri u l-kulhadd.

**5. LAQGHA MA' L-MFCC**

Dan l-item gie diskuss.

**6. *BINS* GHALL-KLIEB.**

Is-Sinjuri kienu prezenti ghall-laqgha u gabu sample ta' bin ghall-klieb. Is-Sur Pace qal li l-bin kbir wisq. Is-Sur Zammit kompla billi qal hafma mbaghad jispiccaw ma juzawhomx. L-Avukata Gauci Baluci qalet vera huma naqra kbar u skond hi anki fuq il-garbage bags kienet naqa' xettika. Is-Sur Cordina qal li skond hu dawn ghandhom jitwahhlu b'recipjenti izghar. Is-Sur Pace qabel li dan jehel m'arblu u allura dan l-item ghandu jkompli jigi diskuss.

**7. TRIQ IL-MINGEL ZVILUPPI**

Dan l-item gie diskuss.

**8. PUNTI MQAJJMA**

Il-Kunsilliera qajmu dawn il-punti:

☑ Is-Sur John P.Bonnici ressaq dawn il-punti:

- Issir un/loading bay fi Triq il-Kbira. Il-Kunsill ma qabilx minhabba li diga' kien hemm nuqqas ta' parking.
- Titranga l-vlegga li hemm Pjazza Tumas Dingli ma' Gnien Karm
- Titranga l-curva ta' biswit il-Pjazza. Is-Sur Pace qal li ma jaqbilx ghax tintilef is-simetrija.
- Triq l-Isptar kien hemm zewg hofriet.

- Saqsa jekk il-Minuti hux qed jitwahhlu.  Is-Segretarju kkonfermat li iva ghall-hamest ijiem.
- Fil-Housing Estate kien hemm xi karozzi mitluqin.  Il-Kunsill ha jara x'karozzi huma.
  .

☑ L-Avukata Gauci Baluci qalet li l-applikazzjoni ghall-Mizura 323 kienet lesta u sottomessa.  Qalet ukoll li l-President xtaq jiltaqa' mal-Kunsill u ha tipprova tirranga data u li kienet qed tiehu hsieb il-website u tigbor il-kwotazzjonijiet.

☑ Is-Sur Stefan Cordina talab sabiex:

- Jerga' jitranga l-isprall ta' Triq il-Mosta .
- Saqsa jekk kienux inzabru s-sigar ta' Triq Tursin ir-Rih?  Skond is-Segretarju dawn inzabbru.
- Ressaq talba minghand il-Ladies Cultural Club ghall-provizjoni ta' trasport ghall-hargiet.  Din it-talba giet milqugha ghal darba iva u ohra le..
- Ssir tabella li l-art hi privata hdejn l-iScotts . L-Avukata Gauci Baluci proponiet il-kliem ghat-tabellla.
- Li l-camera ta' hdejn il-Bank iddur 180˚ flok 360˚.  Is-Sur Pace qal li din ga suppost qeghda hekk imma l-ahjar nergghu niktbu s-Sur Carabott.

☑ Is-Sur M. Spiteri xtaq jaghmilha cara fuq il-hinijiet tas-Sajf qabel ma dawn jigu in voga biex wara ma jkunx hemm dizgwidi u mistoqsijiet.  Hu saqsa l-hinijiet lis-Segretarju Ezekuttiv u din qalet li l-Kunsill jiftah fis-6.30am u jghalqu fis-1.30pm.  is-Sur Spiteri qal li dawn huma hinijiet tajbin ghax il-Kunsill fis-Sajf flok miftuh sitt sieghat qed ikun miftuh sebgha.

Ghalhekk il-hinijiet ghas-Sajf se jkunu dawn li gejjin:

Mill-15 ta' Gunju sat-30 ta' Settembru
Mit-Tnejn sal-Gimgha
Mis-6.30am sas-1.30pm
Is-Sibt
Mid-9.00am san-12.00pm

☑ Is-Sur A. Zammit talab sabiex jinzebghu il-*gazebo's* ta' Gnien Misrah Kola.

**9. AGGORNAMENT**

Il-laqgħa giet aggornata fit-8.30pm.

SINDKU                                        DATA